Minuti tal-laqgħa numru erbgħa u għoxrin (24) tal-Kunsill Lokali tar-Rabat (KLR), li nżammet nhar l-Erbgħa, 22 ta' April, 2026 fil-5.30pm fil-Bini Muniċipali, 8, Triq l-Isptar, ir-Rabat.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| | Is-Sur Matthew Chetcuti | Viċi Sindku |
| | Is-Sa Graziella Brincat | Kunsillier |
| | Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| | Is-Sur Terrence Sant | Kunsillier |
| | Is-Sur Rudolph Grima | Kunsillier |
| | Is-Sur Norbert Grech | Kunsillier |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Ezekuttiv (SE) |

24.01 **Qari tal-ittri ta' Apoloġija** — Ittri ta' aplologija u presedenza

Is-SE qara l-messaġġ li bagħatlu s-Sur Paul Grech fejn xtaq jiskuża ruħu għaliex ħassu ma jiflaħx filwaqt li s-Sindku, s-Sur Sandro Craus qal li nfurmatu is-Sa Graziella Brincat li ma setgħetx lanqas tingħaqad magħna għax inqabdet fuq xogħol. Dawn ġew unanimament skużati mil-kunsillieri preżenti. Is-Sur Sandro Craus, is-Sindku, ippresjeda l-laqgħa u l-membri qalu t-talba flimkien.

24.02 **Approvar tal-Minuti numru tlieta u għoxrin (23) u tal-laqgħa pubblika** — Minuti

Is-Sur Nazju Cassar ressaq emenda għall-minuti dwar il-lista ta' toroq li fihom ingħata l-konkos u qal li dak li kien sar ma kienx approvat minn qabel, waqt il-laqgħat tal-Kunsill. Il-lista li talab kienet imwieġba mis-SE billi bagħatlu kopja tad-dettalji ta' fejn saru x-xogħlijiet iżda hu saħaq li anke l-kunsillieri għandu jkollhom kopja tagħha. Dan se jsir mis-SE. Is-Sa Charmaine Balzan qalet illi trid issir korrezzjoni oħra fil-minuti dwar l-attività tal-Milied fejn kien deċiż illi din issir kemm għall-anzjani (kif kienet issuġġeriet is-Sa Graziella Brincat) kif ukoll għat-tfal, f'daqqa. Il-minuti kienu mressqa għall-vot mis-Sindku, is-Sur Sandro Craus u ssekondati mil-Viċi Sindku, is-Sur Matthew Chetcuti u approvati unanimament mingħajr il-vot tas-Sur Rudolph Grima li qal li ma kienx irċieva l-minuti. Kien deċiż li kemm hu kif ukoll is-Sur Nazju Cassar jintbgħatulhom il-minuti bil-posta mal-agenda fil-laqgħat futuri.

24.03 **Skeda tal-Pagamenti numru 380** — SOP 380

L-iskeda tal-pagamenti numru 380 kienet approvata unanimament mil-proponent u s-sekondant li jidhru ffirmati fuq l-istess skeda. Madankollu l-pagament 1908 mhux se joħroġ għalissa qabel ma jsir l-avveniment. (ara 24.06)

24.04 **Skeda tax-Xiri ta' oġġetti, servizzi u xogħlijiet numru 97** — Purchase/ Works Orders

L-iskeda ta-xiri ta' oġġetti u xogħlijiet numru 97 kienet approvata wkoll unanimament wara li kienet proposta u ssekondata mil-kunsillieri li ffirmaw fuq l-istess skeda.

24.05 ***Support Scheme* għal *Recreational Open Spaces, Sensory Play Areas* u *Green Pockets* li jinkludu *Dog Parks* jew *Cat Cafes 2026*** — Skema

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus attenda t-tnedija ta' din l-iskema. Hu qal li għadu ma sabx post fejn wieħed għandu jikkunsidra li joħloq dan l-ispazju u barra minn hekk id-data tal-għeluq hija qrib ferm. Is-Sur Nazju

Cassar qal illi jaf hemm post addattat viċin il-Lunzjata pero' irridu naraw jekk hix art pubblika l-ewwel, biex nikkunsidraw dan kollu. Intant, is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal li qed ikollu ftit ilmenti minn *cat feeders* li qed iħallu l-ħmieġ viċin il-katakombi ta' Sant' Agata peress li jgħaddu numru kbir ta' turisti. Is-Sur Terrence Sant qal li lest li jaħdem biex iġib *sponsor* dwar l-ikel tal-qtates / *cat shelters* pero' ġustament ikun hemm bżonn li jsir ir-reklam tad-ditta li tkun sponsorjat dan. Ma kienx hemm oġġezzjoni dwar dan.

24.06 **Talba għal Sponsors għall-Ark Trijunfali** — Ark Trijunfali

Is-Sur Sandro Craus ressaq din it-talba fi ħdan il-KLR u qal li l-ammont mitlub hu ta' €500. Din it-talba intlaqgħet minħabba l-kontribut kbir li qed jagħtu fl-arti billi dan l-Ark Trijunfali ma jispiċċax trietaq u jiġi restawrat mir-Rabtin stess. Għaldaqstant il-KLR parzjalment se jisponsorja dan ir-restawr.

24.07 **Talba għal Sponsor għall-Pavaljuni tal-Ġimgħa l-Kbira** — Pavaljuni

Is-Sur Sandro Craus ressaq din it-talba fi ħdan il-KLR u qal li iħoss li l-pavaljuni li twaħħlu mal-gallarijiet tan-nies fi Triq San Pawl fil-Ġimgħa l-Kbira għandhom ukoll ikunu parzjalment iffinanzjati mil-KLR. Dwar dan kien hemm qbil unanimu filwaqt li kompla jżid jgħid illi hu personalment ukoll qed jaħdem biex iġibilhom *sponsors* mil-privat.

24.08 **Petizzjoni biex titneħħa l-one-way ta' Triq Bużugrilla** — Triq Bużugrilla

Din il-kwistjoni kienet diskussa wkoll fil-laqgħa pubblika minn-Sinjura li toqgħod fi Triq Għajn Qajjet u ma tistax tidħol fi Triq Bużugrilla minħabba din il-*one way*. Hija qed tgħid illi minħabba f'hekk lanqas ma tista' tidħol fil-garage tagħha bil-vettura jekk ma tagħmilx u-turn fi Triq Għajn Qajjet minħabba *central strip* li ilha bil-palm diċenji sħaħ. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal li hemmhekk tista' tissolva din il-problema billi ssir roundabout kif fil-fatt kien suġġerit diġa' lil Transport Malta. Is-SE qal li wieħed irid jikkunsidra id-diżlivell li hemm bejn *lane* u ieħor fi Triq Għajn Qajjet u l-fatt li jekk titneħħa din is-*Central Strip* jista' l-ilma li jinżel minn Triq Bużugrilla jgħarraq ir-residneti ta' Għajn Qajjet anke jekk hemm diġa' kanal eżistenti. Madankollu l-aħħar kelma hija ta' *Transport Malta* peress li din diġa' bniet tliet roundabouts oħrajn fl-inħawi taċ-Ċentru Għajn tan-Nigret u anke f'salib it-toroq fi Vjal il-Ħaddiem kantuniera ma' Triq Bir ir-Riebu/Triq Bużugrilla u fl-inħawi tal-Imtarfa.

24.09 **Appuntar ta' Evalwaturi fuq l-offerta pubblika: Tender for the laying of stone slabs supplied by the Rabat (Malta) Local Council including hardstone, lavastone, marble or other stone materials.** — Evalwaturi

Kien deċiż illi l-evalwaturi jkunu Dr Richard Sladden, Is-Sur Paul Bugeja u l-Perit Thomas Tanti.

24.10 **Ġemellaġġ ma' Ponteareas, Spanja** — Ġemellaġġ ma' Ponteareas

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi peress li fi Ponteareas fi Spanja ssir infjorata kif issir fir-Rabat, f'Corpus, kellna stedina mill-Ambaxxatur għall-Malta fi Spanja, is-Sur Manuel Mallia biex jimmaterja ġemellaġġ bejn iż-żewġ lokalitajiet. Fil-fatt diġa' kellna viżita għall-għarrieda minn rappreżenant tagħhom fil-Muniċipju fl-20 ta' Marzu, 2026. Dan il-post

jinsab viċin il-Portugall. Is-Sur Rudolph Grima qal illi kien jippreferi li kieku il-post kien jinsab fin-nofsinhar ta' Spanja minħabba l-kultura rikka li hemm hemmhekk. Madankollu ma kienx hemm oġġezzjoni għal dan il-ġemellaġġ u s-SE ipproduċa tabella ta' opportunità ta' fondi Ewropej li jiftħu fit-28 ta' April kemm-il darba l-Kunsill ikun lest li japplika għal xi ġemellaġġ u jitla' bin-nies.

24.11 **Talbiet għal kumpens – Inċidenti fit-toroq**

Inċidenti fit-toroq

Is-SE ressaq talba minn Liran Ben-Ari li waqa' bir-rota fis-6 ta' April fuq pjanċa li tpoġġiet fi Triq Buqana minn xi kuntrattur, u oħra minn Waylon Mifsud li waqa' fid-9 ta' April, 2026 u xufier li waqa' bil-karozza f'gandott f'Wied il-Qlejgħa fil-21 ta' Marzu, 2026. Jidher li l-kuntrattur li kien qed jaħdem fi Triq l-Għadajjar hu wieħed irresponsabbli u mhux se jingħata permess ieħor mil-Kunsill Lokali tar-Rabat anke jekk dan qed jagħmel xogħol fuq mejnijiet tal-ilma għall-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma kif fil-fatt qed isir. Ovjament dawn ir-rapporti (3 b'kollox) lanqas biss qed ikunu kkunsidrati mil-KLR filwaqt li l-istess Kunsill jisħaq biex jerġgħu isiru il-*consultation meetings* kif kienu jsiru fil-passat u mhux b'sempliċiment *no-objection* fuq ir-*roadpermitsystem* ta' TM.

24.12 **Infjorata**

Infjorata

Is-Sur Sandro Craus ressaq proposta lill-Kunsill Lokali tar-Rabat sabiex il-Kunsill ikun qed jiffinanzja wkoll l-infjorata tradizzjonali li ssir kull sena fil-festa ta' *Corpus Domini.* Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

24.13 **Dwal tal-Milied**

Fairy Lights/ motifs

Is-Sur Sandro Craus ressaq proposta lill-Kunsill Lokali tar-Rabat biex jaħdem numru ta' diżinji dekorattivi tat-toroq fil-ħadid biex itellagħhom fil-Milied fit-toroq. Dawn id-diżinji jiswew €500 il-waħda mingħajr id-dwal. Hu qal li hemm bżonn li jinħadmu sbatax għax il-kuntrattur li tkellem miegħu qallu li m'għandux x'jikrilna għal Triq il-Kbira. Kien hemm diskussjoni twila jekk il-Kunsill jaqbillux jaħdimhom u jerfagħhom minn sena għall-oħra jew inkella jikrihomx minn għand ħaddieħor u joħroġ offerta pubblika. Biex jinkrew dawn il-motifs jiġuna €120 mingħand dan il-kuntrattur u hemm bżonn tnejn u tletin biċċa biex nixgħelu il-Pjazza tal-Parroċċa u Triq Sant Rita. Issemmiet il-proposta li noħorġu *Expression of Interest.*

Intant, il-Baħrija se nibqgħu narmaw bħas-sena li għaddiet għax morna tajjeb ferm.

24.14 **Jum ir-Rabat**

Jum ir-Rabat

Il-Kunsill iddeċieda li din is-sena Jum ir-Rabat isir quddiem il-Knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù. Bħala nomini daħlu ta' Michael Bartolo (kantant) Miguel Bonello (kantant), Jamie Cassar (Michelin Star Chef) u Ryan Portelli, (bidwi żgħażugħ Rabti). Kien deċiż li nistiednu lill-min se jagħtina l-istimi għall-palk, dwal, sound, screen eċċ sabiex qabel ma jagħmel l-istima imur jara x'hemm bżonn fuq is-sit peress li minn sena għall-oħra qed nibdlu l-*venue.*

24.15 **Proposti ta' Triq Għajn Serduq u Triq Ħalq iċ-Ċawl**

Tismija tat-Toroq

Dawn il-proposti kienu magħmula mill-Kumitat tat-Tismija tat-toroq stess wara li diversi tentattivi ta' proposti li tajna kienu ġew miċħuda fil-passat



Kunsill Lokali tar-Rabat; 8, Triq l-Isptar, ir-Rabat; Tel: 21455000; E-mail: rabat.malta.lc@gov.mt

fix-Xagħra ta' Ġirad il-Baħrija u f'Bieb ir-Ruwa. Il-Kunsill Lokali tar-Rabat m'għandux oġġezzjoni dwar dawn il-proposti ta' Triq Għajn Serduq u Triq Ħalq iċ-Ċawl. Se jimtlew il-formuli.

24.16 **Punti Oħra**

24.16.01 Is-Sa Charmaine Balzan qalet illi sfortunatament il-Kunsill Lokali tar-Rabat ma ntagħżilx biex itella' l-attività *Minn Pjazza għal Pjazza.* Minn Pjazza għal Pjazza

24.16.02 Is-Sur Terrence Sant semma' it-talba għal rimbors ta' residenta li toqgħod fi Triq Santa Barbara li kissrulha parti mil-faċċata fil-perjodu li kienet qed tasfalta ruħa t-triq b'makkinarju minn Infrastruttura Malta, in konnessjoni ma' xogħlijiet tal-elettriku fuq lampa li twaħħlet mal-faċċata tad-dar tagħha u/jew arblu li tpoġġa wkoll quddiem id-dar tagħha. Ħsarat fuq faċċata

24.16.03 Is-Sur Rudolph Grima semma' kif fi Triq il-Ġarġir kien hemm bozza tat-toroq u issa twaqqgħet id-dar li kienet magħha u din ma saritx mil-ġdid. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal li jaf bil-każ u s-sidien tal-blokka qed jirrifjutaw li jerġgħu iwaħħluha mal-faċċata filwaqt li jissuġġerixxu li titwaħħal faċċata fejn m'hemmx linji u għaldaqstant idaħħlu l-Kunsill fi spiża żejda mhux biss tal-bozza iżda ta' arbli tad-dawl, inutilment. Kien hemm suġġeriment biex isiru lampi solari. Lampa fi Triq il-Ġarġir

24.16.04 Is-Sur Rudolph Grima semma' l-bżonn li jinxtehel Vjal Santi Wistin minkejja li interventi passati sfumaw fix-xejn. Hawn intqal ukoll li ma jkunx jixraq li dan ikun mifqugħ bid-dawl għax jistona fl-isfond tal-Imdina. Dwal fi Vjal Santu Wistin

24.16.05 Is-Sur Norbert Grech talab li d-dħul u l-ħruġ ta' Misraħ il-Feniċi jkun *one-way*. Hu qal li minħabba sigurtà tat-traffiku, l-aħjar li tidħol għalih minn Triq Bużugrilla u toħroġ minn Vjal il-Ħaddiem. Ma kienx hemm oġġezzjoni dwar dan. Misraħ il-Feniċi

24.16.06 Is-Sur Norbert Grech talab sabiex ikun irrappurtat lill-ERA illi l-Wied ta' Koronja ikun sorveljat minħabba marki ċari ta' *tyres* li juru li dan qed jintuża għall-*off road.* Wied ta' Koronja

24.16.07 Is-Sur Nazju Cassar fakkar li kienet ittieħdet deċiżjoni biex tinħareġ offerta pubblika biex jinqata' l-ħaxix ħażin fir-rural u din għadha ma ħarġitx. Hu qal li jinħtieġ illi d-Dipartiment għat-Tindif u l-Manutenzjoni jibda' jaqta' l-ħaxix minn Triq Lawrenti, Triq taċ-Ċawla, Triq Ħaż-Żebbuġ il-Qadima u Triq it-Tiġrija bi preparazzjoni għat-Tiġrijiet tradizzjonali tal-Festa tal-Imnarja. Qtugħ ta' Ħaxix ħażin.

24.17 **Appuntament għas-seduta li jmiss** Aġġornament

Il-laqgħa ntemmet fit-8.26 pm u dik li jmiss se ssir nhar it-13 ta' Mejju fis-6.00pm.

**(IFFIRMATA)** **(IFFIRMATA)**

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 13 ta' Mejju, 2026 minn Sandro Craus

Segretarju Eżekuttiv Sindku

*Kunsill Lokali tar-Rabat; 8, Triq l-Isptar, ir-Rabat; Tel: 21455000; E-mail: rabat.malta.lc@gov.mt*